**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**20 ta' Marzu 2025**

**Rikors Numru 39/2022**

**Malcolm Grech**

**Vs**

**L-Awtorita` Għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Malcolm Grech** fit-12 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi l-esponent huwa awtorizzat mill-awtorità intimata bħala operatur u tester tal-VRT, (Liċenzja ta' Operatur Numru: LTD/40/21/2 u Liċenzja ta' Tester Numru: LTD/38/98/42);*

2. *Illi l-esponent jiġġestixxi n-negozju bl-isem 'Fred's Motor VRT Station' ġewwa 230, Triq il-Kanun, Santa Venera, li ilu joffri dan is-servizz ta' VRT Testing għal dawn l-aħħar 23 sena.*

3. *Illi kien missier l-esponent, Alfred Grech, li oriġinarjament kien fetaħ dan in-negozju fis-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998) sakemm it-tifel tiegħu qua l-esponent, kompla fuq il-passi ta' missieru, u beda jopera f'ismu wara li Alfred Grech kiber;*

4. *Illi b'dan spjegat, jiġi rrimarkat kif l-esponent kiber f'dan ix-xogħol, bl-eżempju tajjeb li taħ missieru, li qatt u fl-ebda mument ma kellu kwistjonijiet mal-awtorita' kontraenti jew b'xi mod naqas mill-obbligazzjonijiet tiegħu statutorji u fl-aħħar mill-aħħar dmiru;*

5. *Illi dwar dan, jiġi rrimarkat kif l-awtorita' kontraenti perjodikament twettaq spezzjonijiet fuq l-istess VRT Station, permezz ta' spetturi ingaġġati mill-awtorita' għal dan l-iskop, u fl-ebda mument qatt ma nstabet xi forma ta' irregolarità fil-mod kif l-esponent kien qiegħed jaqdi dmirijietu;*

6. *Illi madanakollu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April 2022 l-esponent irċieva ittra għall-għarrieda, datata l-għoxrin (20) ta' April 2022 (liema ittra qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***Dok. A****) permezz ta' xiex, u għas-sorpriża tiegħu, ġie nfurmat li l-liċenzja tiegħu bħala operatur u tester qed ikunu revokati mill-awtorità intimata b'effett immedjat u dan mingħajr ebda ċans li jsemma leħnu għall-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;*

7. *Illi ulterjorment u permezz tal-istess ittra, l-awtorità intimata infurmat lill-esponent li qed timponilu l-multa amministrattiva ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) skond ir-regolament 21(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 21(4) u dan fuq diskrezzjoni solita tal-Awtorità intimata;*

8. *Illi skond l-awtorita' intimata, d-deċiżjoni tagħha ġiet ibbażata fuq tmienja u tletin (38) vettura li allegatament ma kellhomx jgħaddu mit-test tal-VRT bi ksur tar-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, u dan wara li l-ispettur tal-awtorita', waqt spezzjoni minnhom, kien talab lill-esponent jipprovdi d-dokumenti relevanti tat-testijiet tal-VRT li saru f'numru ta' ġranet indikati mill-istess spettur;*

9. *Illi madanakollu, minkejja li d-deċiżjoni tal-awtorita' kontraenti tindika li dawn it-tmienja u tletin (38) vettura kien sarilhom it-testing fid-dati: 29/11/2021, 09,12/2021, 10/12/2021, 14/12/2021 u l-15/12/2021, l-istess awtorita' naqset milli tipprovdi liema vetturi kienet qiegħda tirreferi għalihom, b'tali mod li indikat biss li b'kollox, sitta u tletin (36) vettura kellhom jeħlu minħabba li l-livell tal-emissjonijiet ma kinux jaqgħu fil-parametri tal-liġi, filwaqt li żewġ vetturi oħra kellhom jeħlu minħabba li l-livell tal-ħoss iġġenerat lanqas ma kien konformi;*

10. *Illi għalhekk, u bi ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali tal-esponent, mhux talli l-awtorita' intimata ħadet deċiżjoni kontra l-esponent mingħajr ma pprovditlu ċ-ċans li jsemma leħnu għall-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda talli lanqas provditlu l-informazzjoni kollha, partikolarment, dwar liem riżultati tat-testijiet skond l-istess awtorita' ma kienux konformi mal-liġi u fi kliem ieħor, liem vetturi, allegatament, ma kellhomx jgħaddu mit-testing;*

11. *Illi dan kollu huwa bi ksur, partikolarment iżda mhux limitatament, għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

12. *Illi b'dan spjegat, l-esponent ġie meqjus ħati tal-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu mill-awtorità bi ksur tar-regolament 10(1) paragrafi (j) u/jew (r) u li naqas skond il-punt 93 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, mingħajr ebda forma ta' proċedura fejn seta' jressaq l-posizzjoni tiegħu u dan qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni kontrih filwaqt li kien u għadu sprovist mill-informazzjoni neċessarja sabiex hu jkun jista' (tal-inqas) jappella minn din id-deċiżjoni;*

13. *Illi għalhekk, l-esponent ma kellux għażla oħra għajr li jipproċedi b'dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

## *A. KONTESTAZZJONIJIET*

1. *Illi l-proċedura li abbażi tagħha ittieħdet din id-deċiżjoni fil-konfront tal-esponent tmur kontra d-dritt għal smiegħ xieraq sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-esponent stante li ma ingħata ebda ċans li jsemma leħnu għall-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu qabel din id-deċiżjoni infondata u iebsa in fatti ttieħdet fil-konfront tiegħu, u oltre minn hekk, lanqas ingħata l-informazzjoni kollha li abbażi tagħha l-awtorita' ħadet id-deċiżjoni tagħha stante li ma indikatx liema kienu l-vetturi li skond hi ma kellhomx jgħaddu mill-VRT Test;*

   *Illi in sostenn għal paragrafu preċidenti, mhux talli l-esponent ma ingħatax iċ-ċans li jsemma leħnu qabel ittieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu u ma ingħatax l-informazzjoni kollha, iżda l-awtorità kontraenti fil-proċess kollu sa kemm ittieħdet id-deċiżjoni minnha, serviet kemm bħala l-investigatur iżda wkoll il-ġudikant, li kif determinat f'diversi deċiżjonijiet tal-Qrati nostrana u anke Ewropej, tammonta għal-leżjoni ta' dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq. Dwar dan issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza 'Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et' deċiża fit-3 ta' Mejju 2016 li għamlet referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Janosevic v. L-Isvezja;*

   *Illi addizjonalment, in-natura tal-multa imposta fuq l-esponent, u s-severita' tagħha, ma jagħmluhix multa amministrattiva, iżda waħda ta' natura penali li għalhekk tista' tkun imposta biss minn Qorti skond l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

   *Dwar dan issir referenza għas-sentenza 'Thake Rosette Noe et vs Kummissjoni Elettorali et' deċiża fit-2 ta' Ottubru 2018 u li fiha l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet osservat:*

   > *"li fid-determinazzjoni tal-punt jekk multa amministrattiva ghandhiex in-natura ta' piena, ma jiddependix min-nomenklatura li tinghata fil-ligi domestika, izda tiddependi wkoll minn natura u mis-severita` tal-multa."*

   *Kif ukoll, issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet 'Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et' deċiża fit-3 ta' Mejju 2016, li filwaqt li għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea 'Engel and Others v. The Netherlands' deċiża fit-8 ta' Ġunju 1976 li stabbilit dik li llum magħrufa bħala l-Engel Criteria, u kienet tal-istess fehma għal dak espress fid-deċiżjoni msemmija preċidentement;*

   *Illi in oltre għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponent, dan huwa bi ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja wkoll;*

2. *Illi fil-mertu, d-deċiżjoni tal-awtorita' intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser ikun ippruvat fil-mori tal-kawża odjerna u dan stante li l-esponent ma' għadda l-ebda vettura li ma kelliex tgħaddi mit-test skond il-liġi u b'hekk ma kiser ebda obbligazzjoni statutorja partikolarment, dawk indikati fid-disposizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, kif allegat mill-awtorità;*

*Dwar dan jingħad ukoll li l-esponent dejjem wettaq it-testijiet kif mistenni u rikjest minnhu;*

*Illi di fatti, meta wieħed janalizża r-riżultati tat-testijiet tal-emissions u n-noise levels u jikkumparahom mal-parametri statutorji wieħed faċilment jinduna li dawn jaqgħu f'dawn l-istess parametri u għalhekk huma valida skond il-liġi nostrana u dik Ewropea;*

*Illi in sostenn għas-sopraċitat, u bid-dovut rispett, tenut kont ta' dak espress fl-ewwel paġna tad-deċiżjoni kkomunikata lill-esponent, huwa evidenti li l-allegazzjonijiet tal-awtorita' kontraenti m'huma xejn ħlief allegazzjonijiet mingħajr bażi legali jew fattwali, u għalhekk suppożizzjonijiet li għamlet l-istess awtorita' u dan għal preġudizzju tal-esponent.*

***B. <u>TALBIET</u>***

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrent umilment u bir-rispett qiegħed jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorita' Għat-Trasport Malta, skond id-dritt mogħti lilu abbażi tar-regolament 22 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 filwaqt li jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrevoka u jħasar id-deċiżjoni tal-istess awtorita' fl-intier tagħha u dan dejjem salv kull provvediment xieraq u opportun li jogħġbu jagħti dan l-Onorabbli Tribunal.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ppreżentata fit-18 ta' Mejju 2022 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*Illi l-appell interpost mill-appellant Malcolm Grech ghandu jiġi miċħud bl-ispejjez kontra tieghu stante d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lill-appellant permezz talittra taghha datata 20 t'April, 2022 hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u ghalhekk ghandha tigi konfermata u r-rikors prezentat mir-rikorrent appellant ghandu jigi michud ghar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

*2. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti ttiehdet wara analizi ta' rizultati u dokumentazzjoni relattiva ghal ftit jiem biss, ezercizzju li l-Awtorita' taghmel b'mod kull tant zmien u ma saritx analizi forensika tad-dokumentazzjoni sottomessa ghal kull jum ta' operat ta' dan l-istazzjoni tal-VRT. Minn analizi ta' dawn il-ftit jiem biss emerġew in-nuqqasijiet kollha riskontrati mill-Awtorita' u li abbazi taghhom gew inflitti l-punti penali u multa stipulati fl-imsemmija ittra tal-Awtorita' datata 20 t'April, 2022.*

*3. Illi wkoll ghandu jigi sottolineat li, minkejja li rapprezentanti tal-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT kkummissjonaw studju xjentifiku li gie pprezentat lill-Awtorita' li juri illi biex jigi kondott korrettement test tal-VRT huwa mehtieg madwar 20 minuta, l-appellant (li huwa l-uniku tester licenzjat li jahdem fl-istazzjon tal-VRT) kien qed jaghmel anke 73 test f'gurnata, b'dan li jekk tapplika 20 minuta ghal kull test, gurnata ta' 24 siegha tittestja nonstop lanqas isservi biex isiru dawk it-testijiet kollha ! Dan il-fatt ukoll huwa rapprezentattiv tal-mod kif l-appellant qed jopera l-istazzjon tal-VRT bhala operatur u kif qed jagixxi bhala tester.*

*4. Illi fir-rigward tal-lanjanzi mqajma mill-appellant fir-rikors tal-appell promotur imsejsa fuq ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-Awtorita' rispondenti, apparti li ma taqbel assolutament*

*xejn ma' dak imtenni f'tali lanjanzi, tissottolinea illi tali konsiderazzjonijiet ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal u dan kif konfermat b'diversi sentenzi moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fosthom is-sentenza fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- Transport Malta' u sentenzi ohra decizi minn dan l-Onorabbli Tribunal u konfermati mill-Qorti tal-Appell.*

*5. Illi fir-rigward ta' dak imtenni mill-appellant fuq il-mertu, dan mhuwiex korrett u dan kif se jigi ampjament pruvat u spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell quddiem dan lOnorabbli Tribunal u ghalhekk ghal dawn il-motivi kollha l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu.*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita' intimata kontenuta f'ittra datata 20 ta' April 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:

*Re: <u>Revocation of VRT Operator's Licence and Tester's Licence</u>.*

*By means of the present you are hereby formally being advised that in terms of Regulation 11(5) and Regulation 14(4) respectively of the Motor Vehicle Roadworthiness Test Regulation (S.L. 65.15), your authorization as Operator (Operator Licence No; LTD/40/21/2) and your registration as Tester (Tester Licence No: LTD/38/98/42) are hereby being **revoked** with immediate effect in view of the fact that there exist gross acts of misconduct and/or other serious grounds which warrant the immediate revocation of your licences, and this for the reasons hereunder explained.*

*From investigations made by the Authority, it results that a substantial number of VRT Tests have been conducted at Fred's Motors VRT Station within a few minutes from each other, a fact which in itself clearly goes to show that these 'tests`, for which a Passed Test Result was invariably issued, were either not conducted at all or else were not conducted properly and as required by the Regulations.*

*It is also to be underlined that you are both the licensed Operator and Tester of the station and therefore, it is obvious that in your role as operator you were fully aware of the wrong-doings perpetrated by yourself as the tester.*

*The Authority has taken a random sample of 5 days-9/11/2021,09/12/2021,10/12/2021,14/12/2021 and 15/12/2021 – during which a total of 306 tests were supposedly carried out, an average of 61 tests per day. Now according to a study commissioned by the Chamber of SMEs (formerly GRTU) on behalf of VRT operators, it was concluded that, for a test to be properly regulations, an average*

*of 20 minutes was required. Applying this benchmark to your calculated average of 61 tests per day translates into more than 20 hours of work in one day. For the 14th December,2021 alone, when 73 tests were conducted it would mean that working 24 hours non-stop from midnight to midnight would not have been sufficient.*

*Moreover further analysis of the number of the number of tests carried out at your Station in the months that followed clearly show the same trend, with tests carried out reaching an unprecedented high of 78 in a single day on the 30th March 2022.*

*From verifications made by the Authority from the Test Results documents submitted during those five days in November and December of 2021,38 Passed Test results were issued when the results should have been issued as a Failed Test results, 36 on the basis of emissions, and 2 on the basis of noise levels. This as per the following table:*

| ***Days checked*** | ***Total Number of VRT Tests*** | ***Number of vehicles that passed but should have failed*** | ***Reasons why vehicles should have failed*** |
|---|---|---|---|
| *29/11/2021* | *54* | *7* | *6 on emissions, 1 on noise level* |
| *09/12/2021* | *57* | *7* | *All on emissions* |
| *10/12/2021* | *60* | *6* | *All on emissions* |
| *14/12/2021* | *73* | *13* | *All on emissions* |
| *15/12/2021* | *62* | *5* | *4 on emissions, 1 on noise level* |
| ***TOTAL:*** | ***306*** | ***38*** | ***36 on emissions, 2 on noise levels*** |

*Clearly these are very serious transgressions which have been discovered when taking a sample of just a few days of VRT Testing and this manifestly shows that as an Operator and as a Tester you are operating in clear and constant violation of the provisions of Subsidiary Legislation 65.15.*

***Consequently, the Authority is hereby revoking your Operator's Licence and removing your name from the Tester's register with immediate effect.***

*Furthermore, in view of the grave and serious violations of your obligations in terms of law, this Notice in Writing is being issued in terms of Regulation 21(2) of S.L. 65.15.*

*Your actions qua **OPERATOR** are in breach of the provisions of paras: (j) and/or (r) of Regulation 10 (1) of S.L. 65.15 and Item 93 of the Twelfth Schedule of S.L. 65.15.*

*Consequently, the sanctions established in Regulations 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case of hence 38,000 penalty points are being imposed against you for 38 violations of Item 93 of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as follows:*

*Item Offence Points*

| | | |
|---|---|---|
| *93* | *Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail result should have been issued (38 offences)* | ***38,000*** |

*in addition you are liable to pay the Authority the sum of twenty- two thousand Euro (€22,000) by way of administrative fine in terms of Regulations 21(4) of S.L. 65.15. At the sole discretion of the Authority, the said administrative fine has been applied on 2,000 penalty points, which is the threshold for the revocation of an operator's licence (2,000 points X € 11/per penalty point).*

*In terms of Regulation 21(5) of S.L. 65.15, the said fine must be settled within ninety days following the lapse of twenty-one days after the notification of the breach if you do not file an appeal in front of the Administrative Review Tribunal or within ninety days from the date of the final decision given by the Tribunal if you do file such an appeal.*

*Should you fail to settle the fine within the timeframe established in Reg. 21(5) as explained in the preceding paragraph of this Notice, you shall be liable to pay the Authority a daily administrative fine of eleven Euro (€11) until the fine is paid in full, and this in terms of Regulation 21(7) of S.L. 65.15.*

*Furthermore, your actions qua* ***TESTER*** *are in breach of the provisions of paras: (b) and/or (d) of Regulation 14(2) of S.L.65.15 and Items 24, 25 and 93 of the Twelfth Schedule of S.L. 65.15.*

*Consequently, the sanctions established in Regulation 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case and hence 39,860 penalty points are being imposed against you as follows:*

| ***Items*** | ***Offence*** | ***Points*** |
|---|---|---|
| *24* | *Overlooking a fault in, or failing to test for, noise (offences)* | *60* |
| *25* | *Overlooking a fault in, or failing to test for emission from spark Ignition engines (36 offences)* | *1,800* |
| *93* | *Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail result should have been issued (38 offences)* | *38,000* |

*Finally, the Authority draws your attention to your right to appeal this decision in terms of Regulations 22 of S.L. 65.15.*

*In view of the revocation of your operator's and tester's licence, you are hereby formally advised that should you choose to appeal this decision you shall nevertheless be unable to operate the VRT Station in question until the appeal is finally decided.*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ilu jopera numru ta' snin fil-qasam tal-VRT u qatt ma naqas mid-dmirijiet tiegħu u kull sena jagħmel il-*calibration* tal-apparat użat għall-

VRT. Spjega li meta ġie nfurmat bl-allegati irregolaritajiet huwa ġab lit-*technician* biex jiċċekkja li l-apparat qed jaħdem sew. Kien hawn li nduna li l-apparat li suppost jaqra r-*rpm*, fuq ċertu karozzi moderni ma kienx qed jirreġistra l-qari sew, u ċioe` kien qed jaqra ħafna inqas milli kien fil-verita`. Spjega li fil-verita` l-valuri murija fuq it-*test sheets* kienu tajbin. Huwa xehed ukoll illi bħala *tester* huwa jimxi mal-manwal tar-Renju Unit, kif anke stipulat fil-liġi nostrana, li jistipula li biex isir test sew m'hemmx għalfejn jintuża *rpm measuring device,* iżda tista' ssir referenza għat-*tachometer* tal-vettura nnifisha. Jispjega li saħansitra l-istess manwal jgħid illi *"Otherwise you can by-pass the engine speed measurement and make an estimate."*

In kontro-eżami xehed illi f'għaxar/tlettax-il minuta VRT jista' jsir. Ikkonfrontat li kuntrarjament għal dak li xehed, dan ma kienx l-ewwel każ li kellu dwar nuqqasijiet fil-VRT Station, ir-rikorrent xehed illi kellu każ ieħor. Mistoqsi x'ried ifisser bil-kelma "vetturi moderni" huwa spjega li dawn huma ċertu karozzi li l-apparat tal-*rpm* ma kienx jieħu l-qari tagħhom. Mistoqsi jekk vetturi tal-2007, 2008, 2009 u 2010 jikkunsidrahomx bħala vetturi moderni, r-rikorrent wieġeb li le, pero` lanqas huma antiki. Huwa stqarr li ma kienx induna li r-riżultati kienu qed joħorġu "not ok" u nduna li l-apparat ma kienx qed jaħdem sew biss wara li rċieva d-deċiżjoni appellata u dana peress li huma ma kinux joħorġu *print out* tat-test.

**Isabelle Grech**, mart ir-rikorrent, spjegat illi hija taħdem fin-negozju ma' żewġha. Spjegat li meta bdew jindagaw x'seta' ġara hija nnutat li s-sistema kienet qed turi li l-*emissions* kienu skont il-parametri u kienet murija b'bordura ħadra fuq il-*monitor* filwaqt meta jitolbu *printout* l-istess bordura tinqaleb għal ħamra.

**Adrian Sammut**, impjegat mar-rikorrent, spjega li hu kien ħa filmat ta' kif il-bordura ħadra relatata mat-test tal-*emissions* kienet qed tinqaleb għal ħamra meta wieħed jagħmel *print out* tat-test. Xehed illi flimkien mat-*technician* sabu li dan kien qed jiġri minħabba li l-*rpm* fuq ċertu karozzi ma kienx qed jinqara sew.

**Alexander Montanaro** xehed illi huwa ilu madwar ħmistax (15)-il sena jaħdem bħala *technician* fuq apparat tal-ittestjar tal-vetturi. Spjega li skont hu l-apparat li għandu r-rikorrent fil-garaxx tiegħu mhux modern biżżejjed biex ikun jista' jaqra l-*rpm* ta' ċertu karozzi moderni, u ċioe` l-qari jiġi inqas minn dak li jkun fil-verita`. Huwa esebixxa filmat li ħa hu stess li juri kif it-test kien qed jagħti riżultat tajjeb u mbagħad meta jiġi biex jipprintja t-test, il-*print out* turi li l-vettura m'għaddietx mill-*emission test*.

**Vince Micallef Pule`,** Direttur fir-Road Transport Licensing Unit tal-Land Transport Directorate tal-Awtorita` intimata, xehed illi bħala parti mill-*quality* assurance li

twettaq l-Awtorita` isiru regolarment verifiki ta' numru ta' testijiet u l-*failure rates* tagħhom li jkunu twettqu mill-varji VRT Stations. Minn *random sample* ta' ħamest ijiem, u ċioe` tad-29/11/21, 9/12/21, 10/12/21, 14/12/21 u 15/12/21 kien irriżultahom li fil-VRT station in kwistjoni kienu saru numru esaġerat ta' VRT tests kuljum, u ċioe` 306 tests fuq medda ta' ħamest ijiem. Huwa esebixxa lista ta' vetturi li għamlu t-test fil-garaxx tar-rikorrent u għaddew mill-istess test nonostante li kellhom suppost jeħlu, flimkien mat-test li sar fuq kull vettura. Ix-xhud spjega li jekk fuq id-dokument tat-test ikun hemm xi *item* li jkollu mniżżel ħdejh "test not ok", allura l-vettura ma tistax tiġi ċertifikata mit-tester li għaddiet mit-test.

Is-Sur Pule` spjega illi sabiex isir test kif suppost, dan jieħu bejn 21 u 25 minuta. Għaldaqstant fil-ġranet indikati biex isiru t-testijiet li saru, l-VRT Station riedet prattikament taħdem 24 siegħa. Huwa esebixxa *summary sheets* li juru l-ħin li fih saru t-testijiet, fejn saħansitra kien hemm testijiet li saru f'minuta jew żewġ minuti. Meta huma għamlu verifiki ulterjuri sabu li f'dawn il-ħamest ijiem kienu fallew biss sitt (6) vetturi meta l-*average* ta' *fails* f'Malta huwa bejn 10% u 12%. Huwa rrileva li għalhekk eżaminaw ir-rapporti tat-testijiet kollha li saru fl-imsemmija ġranet u rriżulta s-segwenti, u ċioe`:

*Mill-54 test li saru fid-29/11/2021, 7 testijiet li ghalihom inhareg 'pass' kellu jkun 'fail', 6 minhabba nuqqasijiet fit-test tal-emissjonijiet u 1 ghaliex kemm in-noise level test u l-emissions test huma neqsin, li jfisser li ma sarux.*

*Mis-57 test li saru fid- 09/12/2021, 7 testijiet li ghalihom inhareg 'pass' kellu jkun 'fail', kollha minhabba nuqqasijiet fit-test l-emissjonijiet.*

*Mis-60 test li saru fl-10/12/2021, 6 testijiet li ghalihom inhareg ' pass' kellu jkun 'fail', kollha minhabba nuqqasijiet fit-test l-emissjonijiet.*

*Mit-73 test li saru fl-14/12/2021, 13-il test li ghalihom inhareg ' pass' kellu jkun 'fail', kollha minhabba nuqqasijiet fit-test l-emissjonijet.*

*Mit-62 test li saru fil-15/12/2021, 5 testijiet li ghalihom inhareg ' pass' kellu jkun 'fail', 4 minhabba nuqqasijiet fit-test tal-emissjonijiet u 1 ghaliex kemm in-noise lecel test u l-emissions test huma neqsin, li jfisser li ma sarux.*

Is-Sur Pule` għamel referenza wkoll għal dak li allega s-Sur Montanaro fl-affidavit tiegħu, u ċioe` li l-apparat ma kienx qed jaħdem sew fuq vetturi moderni. Huwa għamel elenku ta' vetturi, bis-sena ta' manifattura tagħhom, li kellhom l-*emissions not ok* u stqarr li jirriżulta li dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala vetturi moderni. Irriżultalu wkoll illi mill-vetturi kollha in kwistjoni, kienu biss tnejn li kien qed isirilhom it-test għall-ewwel darba peress li kienu ilhom biss erba' snin mixtrija.

Fir-rigward tat-test tal-*emissions* innifsu, s-Sur Pule` spjega li jridu jsiru żewġ testijiet, u ċioe` wieħed fuq *idle speed* u ieħor fuq *fast idle speed*. Meta eżamina t-testijiet tal-vetturi in kwistjoni, innota li tnax minnhom kellhom l-istess valuri għall-*idle speed test* u għall-*fast idle speed test*. Fuq dak allegat mir-rikorrent dwar il-fatt li ma ngħata ebda ċans jispjega ruħu, is-Sur Pule` stqarr illi l-għada li r-rikorrent irċieva d-deċiżjoni appellata, huwa ltaqa' miegħu fl-uffiċju tiegħu fejn tah spjegazzjoni għal dak li kien qed jiġi allegat u r-rikorrent baqa' jtenni li t-testijiet saru kif suppost. Kien għalhekk li dakinhar stess, huwa bagħatlu email fejn infurmah li l-Awtorita` intimata kienet qed iżżomm ferma d-deċiżjoni tagħha.

In kontro-eżami stqarr illi f'każijiet bħal dawn fejn il-każ ikun daqshekk ovvju, ma jkunx hemm bżonn tintalab ebda kjarifika.

**Ikkunsidra:**

Illi l-lanjanzi tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni appellata huma fuq żewg binarji.

L-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrent huwa illi l-proċedura adoperata mill-Awtorita` intimata tmur kontra d-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan stante li ma ngħatax l-opportunita` li jsemma' l-verżjoni tiegħu qabel ittieħdet id-deċiżjoni appellata. In oltre jsostni li sofra lezjoni tad-drittijiet tiegħu peress li d-deċiżjoni appellata ttieħdet b'lezjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Illi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti jgħid li fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kontrih, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.

Illi t-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata la hija Tribunal indipendenti u lanqas xi Qorti. Pero` kif ġie drabi oħra ribadit minn dan it-Tribunal, huwa m'għandux kompetenza li jippronunzja ruħu dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u kwindi kwalunkwe talba lil dan it-Tribunal f'dan is-sens tezorbita l-kompetenza tiegħu.

Illi lanjanza ohra tar-rikorrent hija li d-decizjoni appellata ttiehdet bi ksur tal-prinċipju bazilari tal-*audi alteram partem.*

Illi fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal jirrileva illi hemm diversi linji ta' ħsieb, u cioe` jekk huwiex tassattiv li jigu mħarsa meta tittieħed deċiżjoni amministrattiva mhux emanenti minn tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjaru. Fil-ktieb tiegħu ***Judicial Review of Administrative Action in Malta***, Dr. Tonio Borg jiċċita każ ta' Qorti Ingliża u jgħid hekk:

*"In Ridge vs Baldwin,*[1] *this definition was extended to apply also to administrative decisions. If a decision seriously affects individual interests, natural justice or fairness must be observed irrespective of the label applicable to that decision. Prior to Ridge vs Baldwin, even such important decisions as revoking a trader's licence*[2] *were held to be non-judicial and not subject to these rules. Ridge v. Baldwin changed all that and the list contained in such case where natural justice applies included:*

*(a)Where there is a lis inter partes;*
*(b)****Where a person's livelihood is at stake;***[3]
*(c) Where the decision will deprive a person of an office or status as distinguished from ordinary employment;*
*(d)Where property interests are at stake;"*

*The rules did not apply:*

*(a)Where a decision was legislative in character; and*
*(b)****Where a decision was said to be administrative in character, for example because it is not a final determination of rights****,*[4] *or because it is not an essentially discretionary decision rather than a determination of a question of law or fact; or because there is no lis inter partes. In such cases a limited application of the rules may be made."* [5]

It-Tribunal jirrileva illi l-Awtorita` intimata la hija korp ġudizzjarju u lanqas kważi-ġudizzjarju iżda hija entita` li tirregola u tamministra t-trasport f'Malta. Jirrileva wkoll illi d-deċiżjoni li ttieħdet, u ċioe` li tiġi revokata l-liċenzja ta' operatur u tester, ċertament kienet se taffettwa serjament l-għajxien tar-rikorrent, pero` min-naħa l-oħra ma kinitx deċiżjoni finali għaliex min iħossu aggravat għandu rimedju quddiem dan it-Tribunal u eventwalment quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), u kwindi ma tissiġillax determinazzjoni ta' dritt.

---

[1] (1964) A.C. 49.
[2] Nakkuda Ali v. Jayaratne (1951) (A.C. 66)
[3] Enfasi tat-Tribunal
[4] Enfasi tat-Tribunal
[5] Op. cit. paġna 127 u 128

Illi t-Tribunal josserva illi l-legislatur ta poter lill-Awtorita` intimata li tirrevoka liċenzja **<u>b'effett immedjat</u>** ai termini tar-Regolament 11 (5) u 14 (4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Fil-fatt, fil-każ odjern, l-Awtorita` eżerċitat dan il-poter għaliex fil-fehma tagħha n-nuqqasijiet riskontrati kienu jimmeritaw tali deċiżjoni. Illi din l-immedjatezza kienet xprunata min-nuqqasijiet serji li fl-opinjoni tal-Awtorita` kienu qed isehhu fil-VRT station in kwistjoni.

Illi t-Tribunal filwaqt li huwa tal-fehma illi l-irregolaritajiet allegatament riskontrati mill-Awtorita` huma serji, huwa tal-fehma li l-istess ma kinux tali li jistgħu b'xi mod jikkontribwixxu għal xi inċidenti stradali bħal meta wieħed ma jagħtix każ xi brejkijiet difettużi. F'dan il-kuntest, it-Tribunal huwa tal-fehma li, mingħajr ma jnaqqas xejn mill-gravita` ta' dak riskontrat mill-Awtorita` intimata, kien ikun desiderabbli li qabel ma l-Awtorita` ħadet deċiżjoni finali, tat opportunita` lir-rikorrent jirreaġixxi ghal dak li rriskontrat, anke jekk forsi dan isir fi żmien qasir. It-Tribunal josserva li r-rikorrent inghata din l-opportunita` wara li kien notifikat bid-deċiżjoni appellata, fejn pero` l-Awtorita` intimata ħasset li kellha żżomm ferm id-deċiżjoni oriġinali taghha.

It-Tribunal jirrileva li minkejja li kien ikun desiderabbli li persuna li se tintlaqat b'miżura daqshekk drastika tinghata pre-avviż ta' dak li l-Awtorita` intimata kienet beħsiebha taghmel, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, it-Tribunal ma jqisx illi kien hemm xi nuqqas proċedurali da parti tal-Awtorita` intimata bil-mod kif ipproċediet u dana għaliex, kif issemma' iktar 'il fuq, il-leġislatur pprovda opportunita` lil min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li jressaq l-aggravji tiegħu quddiem dan it-Tribunal fejn ikollu kull opportunita` li jagħti l-verżjoni tiegħu, kif fil-fatt għamel ir-rikorrent. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Għaldaqstant it-Tribunal se jinvesti t-tieni aggravju.

Ir-rikorrent u x-xhieda prodotti minnu saħqu illi r-riżultati rregolari kienu dovuti għall-fatt li kien hemm difett tekniku fl-apparat tal-VRT. Biex juri dan, ir-rikorrent ipproduċa filmat fejn it-tekniku Alexander Montanaro sab test ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JCL 273 u li kien sarilha t-test fid-9 ta' Diċembru 2021 fejn it-test tal-*emissions* jirriżulta li ġie tajjeb, pero` meta ġie pprintjat ħareġ li ma kienx tajjeb. Di piu`, fis-sottomissjonijiet legali ġie ribadit illi l-parametri tat-test tal-*emissions* kienu tajbin f'kull test li skont l-Awtorita` kien "not ok". Id-difensur tar-rikorrent saħaq illi l-liġi ma ssemmix id-diċitura "ok" jew "not ok" iżda trid li biex jinħareġ ċertifikat ta' "pass" il-parametri jiġu sodisfatti. Għaldaqstant, skont ir-rikorrent,

independentement minn jekk ikunx hemm miktub "ok" jew "not ok" dak li jgħodd huma l-parametri.

Ir-rikorrent u t-tekniku tiegħu spjegaw li d-diskrepanzi riskontrati mill-Awtorita` kienu dovuti għaliex l-apparat ma kienx jaħdem tajjeb fuq vetturi "moderni". Illi t-Tribunal fela s-sena ta' manifattura tal-vetturi li allegatament inħarġilhom "pass" u li pero` skont l-Awtorita` m'għaddewx mit-test, u jirrileva li fil-maġġor parti tagħhom dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati "moderni" bl-iktar waħda antika ġiet manifatturata fl-1985 u bl-aktar waħda "moderna" ġiet manifatturata fl-2017. Illi għalhekk, dan l-argument għad-diskrepanza riskontrata mill-Awtorita` intimata għalhekk ma jreġix.

Kif lanqas ma jreġi l-argument li dan kollu seta' ġara għax kienu vetturi impurtati mill-Ġappun, kif allegat mir-rikorrent, għaliex fost il-vetturi in kwistjoni hemm vetturi Ewropej. Lanqas ma dan it-Tribunal jemmen il-verżjoni tar-rikorrent illi huwa għażel li jistrieħ fuq it-*tachometer* fir-rigward tal-*revolutions per minute (rpm)* u dan għaliex, fi kliemu stess, malli rċieva d-deċiżjoni appellata ġab lit-tekniku biex jara hemmx xi ħsara fl-apparat. Li kieku kien qed juża xi metodu alternattiv ma kienx jippreokkupa ruħu li seta' kien hemm xi difett fl-apparat. Il-fatt li r-rikorrent isostni li l-apparat ma kienx qed jaħdem sew, jista' jfisser biss illi huwa kien qiegħed suppost jagħmel użu mill-istess apparat u mhux juza t-*tachometer* biex ikollu r-riżultat tal-*emissions*.

Illi di piu`, skont l-MOT Inspection Manual tar-Renju Unit, liema manwal huwa dak li fuqu jridu jimxu l-operaturi u t-testers hawn Malta a tenur tar-Regolamenti 65.15, biex isir il-*catalyst test*, fost affarijiet oħra, it-tester għandu jagħmel is-segwenti:

***Connect the engine speed and oil temperature measuring devices. If you can measure the engine speed only after removing a cosmetic engine cover, you must remove the cover if it's easily un-clipped and then carry out the speed measurement. If the engine speed cannot be measured, you should use the vehicle tachometer if fitted. Otherwise you can by-pass the engine speed measurement and make an estimate.***

Illi għalhekk, il-proċedura normali ma hix kif sostna r-rikorrent, u cioe` li għandu xi għażla kif jesegwixxi t-test. It-*tachometer* għandu jintuża biss jekk l-*engine speed* ma setax jiġi mkejjel. Fil-każ in kwistjoni, ma nġabet ebda prova illi l-istess *speed* ma setax jiġi mkejjel.

Illi t-Tribunal ħa wkoll in konsiderazzjoni l-fatt allegat mill-Awtorita` intimata illi r-rikorrent wettaq numru kbir ta' testijiet f'ġurnata waħda meta skont studju xjentifiku,

test jieħu bejn wieħed u ieħor minimu ta' għoxrin minuta. Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza li r-rikorrent ilu numru ta' snin f'dan is-settur, xorta waħda fil-fehma tiegħu ma setax iwettaq dawk it-testijiet kollha **<u>kif tesiġi l-liġi</u>** fil-ħinijiet rekordjati. Dan jagħti kredibilita` lill-Awtorita` intimata li t-testijiet kondotti mir-rikorrent ma sarux kif suppost.

Illi apparti n-nuqqas hawn fuq imsemmi, l-Awtorita` intimata sabet ukoll żewġ okkażjonijiet fejn żewġ vetturi ma kellhomx jgħaddu mit-*test* peress li ma għaddewx mit-*test* tal-ħoss. Illi fuq dawn iż-żewg testijiet ir-rikorrent ma pproduċa ebda prova li tikkontradixxi dak li hemm muri fuq l-istess *tests.*

Illi għaldaqstant jirrizulta li r-rikorrent naqas serjament milli josserva r-Regolamenti tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiċċertifikaw Li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba Għat-Triq), fosthom Regolament 10 (1) (j) li jgħid is-segwenti "*operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti,u approvati mill-Awtorità."* Similment naqas mill-obbligi tiegħu *qua tester*.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura minn din id-deċiżjoni stante li l-Awtorita` intimata imxiet mar-riżultanzi li kellha u mad-dettami tal-liġi, u imponiet is-sanzjonijiet maħsuba għal tali nuqqasijiet fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita' intimata.

Bl-ispejjeż għar-rikorrent.

__________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

_______________

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**